**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 253**

It-Tnejn, 1 ta' Lulju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Joe Giglio, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Amanda Spiteri Grech kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat l-Onor. Julia Farrugia Portelli, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Stephen Spiteri kienu skużati.

l-Onor. Ivan Bartolo*, l-Onor. Graham Bencini* u l-Onor. Janice Chetcuti* kienu msiefra fuq xogħol tal-Partit.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni l-Onor. Jonathan Attard, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Chris Bonett, is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Omar Farrugia, l~~-Onor. Ivan Bartolo~~*, l~~-Onor. Graham Bencini~~*, l~~-Onor. Janice Chetcuti~~*, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Chris Fearne u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu assenti.

** Vide Minuti tas-Seduta 255 – 08.07.2024*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 252 li saret fis-26 ta' Ġunju 2024 kienu kkonfermati.

**RULING MIS-SEDJA**

L-Ispeaker ta ruling dwar it-talba tal-Onor. Claudette Buttigieg dwar numru ta' mistoqsijiet parlamentari li t-tweġiba għalihom kienet li l-informazzjoni mitluba ma tistax tingħata għax l-ispiża biex tinġabar dik l-informazzjoni taqbeż l-advisory cost limit.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3945 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 37 li saret lis-Sedja mill-Onor. Chris Said dwar mistoqsijiet parlamentari mwieġba bħala interim fit-13-il Leġiżlatura, maqsuma skont il-Ministeru.

P.L. 3946 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentri 38 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Chris Said dwar mistoqsijiet parlamentari mwieġba bħala interim fl-14-il Leġiżlatura, maqsuma skont il-Ministeru.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 18054 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3947 Lista ta' Ambaxxaturi Residenti b'ħatriet politiċi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19334;

P.L. 3948 Lista ta' Ambaxxaturi mhux residenti li huma bbażati f'Malta u lista ta' Ambaxxaturi residenti f'pajjiż barrani imma mhux akkreditati għall-pajjiż imsemmi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19335; u

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3949 Rapporti annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali għas-snin bejn l-2016 u l-2021, flimkien ma' lista ta' proġetti soċjali u l-flus allokati għalihom mill-istess Fond, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20307.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3950 Rapport Annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal għas-sena 2023;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3951 Avviż Legali Nru 148 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 dwar Standards għall-Operat ta' Stabbilimenti tal-Grooming għall-Annimali Domestiċi;

P.L. 3952 Avviż Legali Nru 149 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 dwar Standards għall-Operat ta' Akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting u Stabbilimenti ta' Akkomodazzjoni ta' Pet Boarding għal Qtates u Klieb;

P.L. 3953 Avviż Legali Nru 150 tal-2024 − Regolamenti tal-2024 dwar Drittijiet (Akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting u Stabbilimenti ta' Akkomodazzjoni ta' Pet Boarding għal Qtates u Klieb); u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3954 Avviż Legali Nru 147 tal-2024 − Regoli tal-2024 dwar Income minn Attivitajiet Sportivi; u

P.L. 3955 Rapport Finanzjarju għas-sena 2023 maħruġ mit-Teżor skont l-artikolu 37 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, Kap. 601.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3956 Tagħrif dwar in-numru ta' studenti Maltin u barranin, LSEs u għalliema fl-iskejjel tal-Gvern, tal-Knisja u Indipendenti fil-livelli tal-Kinder u tal-Primarja, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19221;

P.L. 3957 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Istitut għall-Edukazzjoni (IFE) għas-sena 2023;

P.L. 3958 Rapport annwali tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għas-sena 2023;

P.L. 3959 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għas-sena 2023;

P.L. 3960 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Foundation for Educational Services (FES) għas-sena 2023;

P.L. 3961 Rapport annwali tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) għas-sena 2023;

P.L. 3962 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) għas-sena 2023;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3963 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni bejn Settembru 2023 u t-18 ta' Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17984; u

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3964 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva bejn Jannar u Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17985.

**KUMITATI PERMANENTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, bħala President tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, irrapporta li l-Kumitat tal-Kontijiet

dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika li ltaqa' nhar l-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2024 iddiskuta u għadda, mhux b'mod unanimu, riżoluzzjoni biex jiġi sostitwit kuntratt approvat permezz tar-Riżoluzzjoni 134 approvata fit-28 ta' Ġunju 2023 fir-rigward tar-Regeneration Projects Consortium, u ddiskuta u għadda b'mod unanimu r-riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjetà fir-rigward tal-Forti Chambray, u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3965 Kopja ta' riżoluzzjoni għas-sostituzzjoni ta' kuntratt approvat permezz ta' riżoluzzjoni 134 ta' Ġunju 2023 flimkien ma' abbozz ta' kuntratt ta' modifika (emendat) bejn l-Awtorità tal-Artijiet u MOSM Ltd, Regeneration Projects Ltd, Tal-Herba Enterprises Ltd u Three MV Ltd (Regeneration Consortium); u

P.L. 3966 Kopja ta' riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjetà fir-rigward tal-Forti Chambray u abbozz ta' kuntratt ta' ftehim bejn l-Awtorità tal-Artijiet u Fort Chambray Ltd.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess, il-Kamra qablet li titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

**MOZZJONIJIET**

**ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SWIEQ FIL-KRIPTOASSI – MOZZJONI 273**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, f'isem il-Ministru għall-Finanzi ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Swieq fil-Kriptoassi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2024 dwar is-Swieq fil-Kriptoassi" inqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. **ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR KUNSILL GĦALL-MALTIN LI JGĦIXU BARRA MINN MALTA– ABBOZZ NRU 91**

Il-Kamra rriżumiet mit-8 ta' Mejju 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

Fid-diskussjoni ħa sehem l-Onor. Ian Borg.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta, Kap. 515, u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konsegwenzjali għalih" inqara t-Tieni darba.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, talab il-permess sabiex iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Carmelo Abela ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-VJOLENZA ABBAŻI TA' ĠENERU U VJOLENZA DOMESTIKA (EMENDA NRU 2) – ABBOZZ NRU 101

Il-Kamra rriżumiet mis-26 ta' Ġunju 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika (Emenda Nru 2).

Fil-5.41 p.m. il-Kamra kienet sospiża u rriżumiet fil-5.45 p.m.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Byron Camilleri, l-Onor. Claudette Buttigieg, l-Onor. Miriam Dalli u l-Onor. Rebecca Buttigieg.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kap. 581" inqara t-Tieni darba.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għall-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, ippreseda.

**KLAWSOLA 2** għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1** u **T-TITOLU** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg, f'isem il-Prim Ministru, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fis-6.04 p.m. il-Kamra rriżumiet u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza rrapportat li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika (Emenda Nru 2) kien għadda mill-Kumitat mingħajr emendi.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, f'isem il-Prim Ministru, ippproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kap. 581".

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet darba u għadda.

3. **ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-VJOLENZA ABBAŻI TA' ĠENERU U VJOLENZA DOMESTIKA – ABBOZZ NRU 94**

Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta mgħoddi lilu mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon.

**MYRIAM SPITERI DEBONO**
**PRESIDENT**

Il-President, wara li kienet informata dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kap. 581", tirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

22 ta' April 2024

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor, Michael Falzon, f'isem il-Prim Ministru ppropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Michael Falzon, l-Onor. Graziella Attard Previ u l-Onor. Claudette Buttigieg.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kap. 581" inqara t-Tieni darba.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għall-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, ippreseda.

**KLAWSOLA 2** għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 3**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal ressaq din l-emenda verbali:

**Klawsola 3**

Fit-test Malti tal-paragrafu (2) tal-artikolu 20 kif sostitwit bi klawsola 3, minflok il-kliem "mill-Fond għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali", għandhom jidħlu l-kliem "mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali".

**Clause 3**

In the Maltese text of paragraph (2) of article 20 as substituted by clause 3, for the words "mill-Fond għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali", there shall be substituted the words "mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali".

L-emenda verbali għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 3,** kif emendata verbalment, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1 u T-TITOLU** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, f'isem il-Prim Ministru, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fis-6.56 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal irrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika kien għadda mill-Kumitat b'emenda verbali.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, f'isem il-Prim Ministru, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kap. 581".

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet darba u għadda.

Fis-6.55 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Professjonijiet Regolati fil-Qasam tal-Benesseri Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni u Liġijiet Varji dwar Minuri | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili *(Abbozz 102)* | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili *(Abbozz 64)* | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) *(Abbozz 82)* | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar Persuni li jipprovdu Servizzi ta' Kreditu u dwar Xerrejja ta' Kreditu | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jħassar l-Ordinanza dwar il-Lebbrużi u r-Regolamenti dwar il-Lebbrużi | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Justin Schembri.

Fis-7.25 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**